MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 11/2003/1

**Salvatore Grech**

**v.**

**Avukat Generali**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu appell minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha fil-25 ta' Gunju, 2004 fuq rikors intavolat minn Salvatore Grech fl-24 ta' April, 2003.

2. Permezz tar-rikors promotorju (tal-24 ta' April, 2003) ir-rikorrent, illum appellant, Salvatore Grech fisser li huwa kien ghaddej proceduri kriminali quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja[1] fil-kawza fl-ismijiet ***Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) v. Salvatore Grech*** (kaz nru 745/2001). Huwa allega fil-hames u l-ahhar paragrafu tar-rikors promotorju tieghu – u din hija t-talba – li f'dik il-kawza ***"il-Qorti tal-Magistrati (Malta) ivvjolat id-dritt [tieghu] ta' smigh xieraq kontemplat fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, u fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem…"*** u talab ir-rimedju opportun. Ir-raguni ghala, skond l-imsemi rikorrent, kien gie lez dan id-dritt tieghu salvagwardat bl-imsemmija disposizzjonijiet ta' ligi hija migjuba fit-tieni paragrafu tar-rikors promotorju, li jghid hekk:

**"Illi f'din il-kawza l-Imhallef Gino Camilleri bhala xhud tal-prosekuzzjoni dam sitt xhur ma ingieb biex jixhed fil-kawza mill-Prosekuzzjoni, ghalkemm l-ingunzjoni giet notifikata lilu fid-9 ta' Jannar 2002, u ghal dan id-dewmien ma ttiehdu l-ebda provvedimenti mill-istess Qorti."**

Fil-paragrafu ta' wara dak appena citat ir-rkorrent qal li dan kollu jammonta ghal *"…nuqqas ta' smigh xieraq u imparzjali fi zmien ragjonevoli da parti ta' l-istess Qorti bi vjolazzjoni ta' l-Artikolu 39(1) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6(3)(d) tal-Konvenzjoni…"*, u zied jghid, qabel it-talba, is-segwenti (ir-raba' paragrafu tar-rikors promotorju):

**"Dan l-abbuz sar diversi drabi fl-imghoddi mill-amministrazzjoni ta' din l-istituzzjoni, mill-Bord presedut minn l-Imhallef Dr Gino Camilleri, mill-Qorti ta' l-Appell preseduta minn Prim Imhallef Dr Said Pullicicno. Imhallef Dr Manche, Imhallef Dr Filletti u ohrajn."**

---

[1] Mill-provi in segwitu migjuba quddiem il-Prim Awla, jidher li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) qed tagixxi fl-attribuzzjoni taghha bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali u mhux bhala Qorti Istruttorja.

3. Wara li quddiem il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) ir-rikorrent Grech kien iddikjara, fl-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2004, li ma kienx ghad baqghalu aktar xhieda x'jipproduci, u wara li, f'dik l-istess udjenza, il-kawza kienet thalliet ghall-provi ta' l-intimat Avukat Generali, u wara li fl-udjenza tat-12 ta' Mejju, 2004 il-kawza kienet thalliet ghat-trattazzjoni, Salvatore Grech, permezz ta' rikors presentat fl-20 ta' Mejju, 2004 talab li ssir korrezzjoni fit-talba fis-sens li wara l-kliem "il-Qorti tal-Magistrati (Malta)" jizdiedu l-kliem "l-Amministrazzjoni ta' din l-Istituzzjoni, il-Bord li Jirregola l-Kera u l-Qorti ta' l-Appell tal-Prim Awla tal-Qorti Civili", u dan peress li, skond hu, dawn il-kliem fid-domanda kienu thallew barra bi zvista.

4. B'digriet tal-25 ta' Mejju, 2004[2] (fol. 113) l-ewwel Qorti, wara li rrilevat li mid-data tal-presentata tar-rikors promotorju sad-data ta' l-udjenza tat-23 ta' Jannar, 2004 ir-rikorrent kellu zmien bizzejjed biex jezamina l-atti u jivverifika r-rikors minnu ppresentat fl-24 ta' April, 2003, cahdet it-talba perress li rriteniet li *"…huwa inopportun li f'dan l-istadju – fejn il-kawza thalliet ghat-trattazzjoni – jintlaqghu it-talbiet ghall-korrezzjoni tar-rikors."*

5. Permezz ta' rikors iehor, ukoll prezentat fl-20 ta' Mejju, 2004, Grech "ipprezenta" (mhux talab li jipprezenta) diversi dokumenti in sostenn tar-raba' paragrafu tar-rikors promotorju.

6. L-Ewwel Qorti, b'digriet iehor ukoll datat 25 ta' Mejju, 2004, cahdet din it-talba wara li qalet hekk: *"Filwaqt li tirrileva li dawn id-dokumenti huma rrelevanti ghal kaz in dizamina; u stante li r-rikorrent ilu li ghalaq il-provi tieghu mit-23 ta' Jannar, 2004…u stante li sa dak in-nhar kellu zmien u opportunita` bizzejjed biex iressaq il-provi tieghu…"*.

7. Fl-udjenza tat-2 ta' Gunju, 2004 saret it-trattazzjoni quddiem il-Prim Awla, li ghaddiet biex tat is-sentenza taghha fil-25 ta' Gunju, 2004. Dik il-Qorti, fis-sentenza taghha, qalet hekk:

[2] Mhux tal-15 ta' Gunju, 2004 kif erroneament indikat fir-rikors ta' appell.

**"Mill-kwadru premess jirrizulta li l-ilment tar-rikorrent fil-konfront tal-Qorti tal-Magistrati relattivament ghax-xhud Imhallef Gino Camilleri huwa manifestament infondat. Din il-Qorti ma tistax tifhem kif ir-rikorrent serjament jista' jsostni vjolazzjoni tal-artikoli precitati fil-konfront tieghu.**

**"Il-Qorti tosserva li sa dan l-istadju ma jistax serjament u validament jinghad li l-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati twalu b'mod irragjonevoli. It-tul tad-differimenti kien ta' xahar, u xi drabi anke iqsar. Wisq anqas ma jista' jinghad li b'xi mod gie menomat id-dritt tar-rikorrent li jtella' xhieda u jikkontro-ezamina x-xhieda mressqa mill-prosekuzzjoni f'dan il-kaz. Wara kollox, fl-14 ta' Gunju 2002 [3] il-Qorti tal-Magistrati kienet ghada qeghda tisma' l-provi tal-Prosekuzzjoni li ghandha d-dritt fil-kawza kriminali tirregola l-provi taghha.**

**"Huwa sinjifikanti, u wkoll preokkupanti, l-fatt kif, wara li xehed l-Imhallef Gino Camilleri, ghalkemm inzammu ghaxar seduti ghas-smigh tal-kaz, jidher li ma sar ebda progress fil-kawza: fatt, dan, li huwa attribwibbli ghad-difiza.**

**"Minn dawn l-ghaxar seduti li nzammu, tnejn minnhom biss thassru minn naha tal-Prosekuzzjoni, it-tmien (8) seduti l-ohra ma sarux minhabba ragunijiet imputabbli lid-difiza. Ghandu jinghad ukoll li mill-verbali jidher <u>li l-imputat ma deherx</u> fl-udjenzi tat-28 u 31 ta' Jannar 2003 u tal-5 u 7 ta' Frar 2003, u fis-seduta tal-5 ta' Frar il-Prosekuzzjoni nformat il-Qorti 'li l-imputat ma jistax jigi rintraccjat'.**

**"Fl-udjenza tad-9 ta' Mejju 2003 r-rikorrent informa lill-Qorti tal-Magistrati bil-proceduri kostituzzjonali u pprezenta kopja tar-rikors odjern. <u>B'hekk il-proceduri kriminali gew sospizi</u>.**

[3] Meta allura xehed l-Imhallef Gino Camilleri.

**"Mill-premess jidher car li l-ghaggla kollha li r-rikorrent sostna, jew ahjar, ippretenda li kellu sabiex jigu konkluzi l-proceduri penali marritlu. Kif fuq indikat, wara l-udjenza tal-14 ta' Gunju 2002 li fiha xehed l-Imhallef Dr. Gino Camilleri, il-process ittawwal inutilment minhabba ostakoli minn naha tad-difiza, fosthom <u>l-assenza tal-imputat ghal hames udjenzi</u>.**

**"<u>Ghaxar xhur wara dik id-data</u>, u nonostante li l-process kriminali waqaf ghar-ragunijiet attribwibbli lilu, huwa hass u kellu l-wicc li jipprezenta r-rikors odjern fejn ilmenta minhabba nuqqas ta' smigh xieraq fi zmien ragjonevoli minhabba li fl-udjenza tal-14 ta' Mejju 2002 l-Imhallef Camilleri ma telax jixhed.**

**"In vista tal-premess jirrizulta car u manifest li l-ilmenti tar-rikorrent huma ngustifikati u nfondati u ma hemm ebda ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu, la taht l-Art. 39[1] tal-Kostituzzjoni ta' Malta u lanqas taht l-Art. 6[3][d] tal-Kap. 319. Fic-cirkostanzi tal-kaz, din il-Qorti hija konvinta li dawn il-proceduri istitwiti minnu huma frivoli u vessatorji u saru <u>bi skop uniku li jipprova jgib fix-xejn il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu</u>."**

**"Ghaldaqstant tichad it-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kollha a kariku tieghu."** (sottolinear kollu ta' dik il-Qorti, cioe`` tal-Prim Awla).

8. Salvatore Grech appella minn din is-sentenza, kif ukoll mid-digriet tal-15 ta' Gunju, 2004 [recte: 25 ta' Mejju, 2004 u proprjament <u>zewg</u> digrieti, mhux wiehed: ara para 4 u 6 *supra*] b'rikors tat-8 ta' Lulju, 2004. It-talba tieghu f'dan ir-rikors ta' appell (li huwa iffirmat mill-appellant personalment u minghajr firma ta' avukat – bhalma del resto kien ukoll ir-rikors promotorju ta' l-24 ta' April, 2003) hi maghmula hekk:

**"Ghalhekk l-esponent jitlob li din il-Qorti in salvagward tad-drittijiet tieghu umani u fondamentali, tezamina l-kaz tad-dewmien fil-process tieghu**

**kriminali, tirrevoka s-sentenza fuq imsemmija tal-25 ta' Gunju 2004 u d-degriet tal-15 ta' Gunju 2004 biex issir il-korrezzjoni u biex jigu ezibiti d-dokumenti sfilzati u jifformaw parti mill-process, u tilqa' t-talbiet ta' l-esponent bl-ispejjez kontra l-intimat appellat."**

9. Quddiem din il-Qorti – il-Qorti Kostituzzjonali – Salvatore Grech deher mhux assistit (quddiem il-Prim Awla kien assistit f'diversi stadji minn avukati differenti). Kif jirrizulta mill-verbali tal-udjenzi tal-20 ta' Ottubru, 2004, 8 ta' Novembru, 2004 u 15 ta' Novembru, 2004 din il-Qorti ghamlet minn kollox sabiex tipperswadi lill-appellant halli jkollu avukat jassistih. Fl-ahhar minn dawn l-udjenzi – tal-15 ta' Novembru, 2004 – wara li din il-Qorti ghal aktar minn darba fissret lill-appellant li hija setghet tahtarlu avukat biex jassistih, u li dan l-avukat jista' jkun anke avukat differenti min dak li l-ahhar li kien qed jassistih quddiem il-Prim Awla, u li kien desiderabbli ghall-istess rikorrent appellant li jsir hekk, ir-rikorrent baqa' jinsisti li ma jridx li din il-Qorti tinnominalu avukat skond il-ligi. Il-Qorti ghalhekk halliet il-kawza ghat-trattazzjoni l-ewwel ghas-7 ta' Frar, 2005 u, wara talba ta' l-istess rikorrent appellant, l-appell gie rikjamat ghall-10 ta' Jannar, 2005.

10. Fl-10 ta' Jannar, 2005 Salvatore Grech ghamel is-sottomissjonijiet tieghu u l-Avukata Dott. Audrey Marlene Buttigieg Vella ghamlet is-sottomissjonijiet taghha ghall-appellat Avukat Generali. Il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta tat-28 ta' Jannar, 2005.

11. B'digriet moghti fit-18 ta' Jannar, 2005 din il-Qorti ordnat hekk:
"Tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza ghaliex tixtieq li fl-udjenza li jmiss tat-28 ta' Jannar, 2005 tisma' is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar id-disposizzjoni kontenuta fis-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni analoga tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319;

Tordna li a kura u spejjez provvizorjament tar-Registratur dan id-digriet jigi minnufih notifikat lill-partijiet sabiex din il-

Qorti tismaghhom unikament dwar l-imsemmija disposizzjonijiet li jistghu jkunu relevanti ghall-kaz."

12. Fl-udjenza tat-28 ta' Jannar, 2005 saru s-sottomissjonijiet mill-partijiet fuq id-disposizzjonijiet imsemmija fil-paragrafu precedenti u l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum.

13. Kwantu ghad-digriet ta' l-Ewwel Qorti li biha cahdet t-talba tal-appellant ghall-korrezzjoni tar-rikors promotorju l-appellant qajjem l-aggravju segwenti:
"L-artikolu 175 tal-Kap 12 jipprovdi ghal tibdil fl-iskritturi, minghajr ma jillimita dak it-tibdil, u jaghmlu applikabbli ghall-atti gudizzjarji kollha u quddiem il-qrati kollha.

"Wiehed jistenna li dak il-provvediment tal-ligi qieghed hemm biex jigi uzat. Aktar u aktar f'dan il-kaz fejn l-esponent qieghed jagixxi biex jiehu d-drittijiet tieghu umani u fondamentali."

14. L-artikolu 175 tal-Kap 12 invokat mill-appellant jaghti setgha wiesgha lill-Qrati biex jippermetti tibdil jew korrezzjonijiet fl-iskritturi. Madankollu, l-istess dispozizzjoni tal-ligi tippermetti lill-Qorti li tordna tali tibdil jew korrezzjoni fl-iskritturi:
"sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza". (sottolinear ta' din il-Qorti)

15. Issa huwa evidenti li bil-korrezzjoni mitluba, proprju fit-talba tar-rikors promotur, l-appellant kien qieghed jitlob li jbiddel sostanzjalment it-talba tieghu, kif ukoll il-portata kollha tal-azzjoni tentata minnu. Dan ghaliex li kieku intlaqghet l-istess talba ghall-korrezzjoni, l-azzjoni, minn wahda limitata ghall-ezami ta' l-agir ta' qorti partikolari, (cioe` il-Qorti tal-Magistrati (Malta), li kienet ghadha qed tisma' l-kawza kriminali kontra l-istess rikorrent appellant), kienet radikalment tinbidel f'azzjoni li fiha jigi skrutinat l-operat ta' diversi qrati u enti ohra u cioe` tal-Bord li Jirregola l-Kera, "tal-Qorti ta' l-Appell tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili" kif ukoll ta' "l-Amministrazzjoni ta' din l-Istituzzjoni".

16. Jidher car ghal din il-Qorti li l-artikolu 175, jekk jinqara kollu kemm hu, u jekk jigi gustament applikat ghat-talba ghall-korrezzjoni in kwistjoni, kien effettivament jipprojbixxi lill-Ewwel Qorti li tilqa' l-imsemmija talba ghall-korrezzjoni.

17. Apparti dan, din il-Qorti tikkondividi pjenament ukoll ir-raguni li tat l-Ewwel Qorti fid-digriet taghha fil-25 ta' Mejju 2004, li bih cahdet it-talba ghall-istess korrezzjoni, liema raguni issemmiet fil-para 4 *supra*.

18. Illi kif diga intqal, qed isir appell iehor mill-appellant fil-konfront tad-digriet l-iehor ta' l-Ewwel Qorti li wkoll inghata fil-25 ta' Mejju 2004. B'dan id-digriet incahdet talba tal-appellant biex jigu esebiti diversi dokumenti li skond ir-rikorrent kienu jissostanzjaw ir-raba paragrafu tar-rikors promotur. Jidher car ghal din il-Qorti li, ladarba t-talba ghall-korrezzjoni fuq imsemmija ma kienetx legalment sostenibbli, u ghalhekk sfat michuda, certament, ma kienx hemm lok li tigi permessa l-esibizzjoni jew il-prezentata tal-istess dokumenti li allegatament kienu jissostanzjaw il-kontenut ta' l-imsemmi raba' paragrafu tar-rikors promotur. Jista' jinghad ukoll, ghall-kompletezza, li l-Ewwel Qorti kienet ukoll pjenament gustifikata li timmotiva c-cahda ghall-presentata tal-istess dokumenti ghar-ragunijiet li tat fid-digriet relattiv tat-25 ta' Mejju, 2004 (ara para. 6 *supra*).

19. Konsegwentement, ma hemmx lok li jintlaqghu l-appelli li ghamel l-appellant fil-konfront tal-imsemmija zewg digrieti ta' l-Ewwel Qorti, it-tnejn moghtija fil-25 ta' Mejju 2004.

20. Ghal kull buon fini din il-Qorti tirrileva li anke li kieku, ghall-grazzja ta' l-argument u ghall-grazzja ta' l-argument biss, il-Prim Awla tal-Qorti Civili laqghet it-talbiet fiz-zewg rikorsi tal-20 ta' Mejju, 2004 aktar 'l fuq imsemmija, wiehed ma jistax jimmagina kif il-konkluzzjoni ta' l-ewwel Qorti raggunta fis-sentenza tal-25 ta' Gunju 2004 setghet tkun differenti. Ir-raguni hi semplici: fl-istadju li fih gew intavolati dawk iz-zewg rikorsi il-provi kienu diga` nghalqu, u dawn il-provi kienu jirreferu biss ghall-kwistjoni tad-

dewmien quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) minhabba l-fatt ta' meta xehed l-Imhallef Dr Gino Camilleri quddiemha; filwaqt li d-dokumenti li ried jippresenta r-rikorrent – u li din il-Qorti hadet vizjoni taghhom – wahedhom, u cioe`` meta ma humiex legalizzati jew akkompanjati mid-deposizzjoni ta' xi hadd, ma jippruvaw assolutament xejn. Dan kollu qed jinghad, ghax kieku kien hemm imqar xi ombra ta' validita` jew ammissibilita` fil-konfront tar-rikors ghall-korrezzjoni tat-talba fir-rikors promotorju, din il-Qorti kienet tikkunsidra minn rajha jekk l-Onorevoli Imhallef J. Filletti ghandux jibqa' jaghmel parti minn din il-Qorti – ara l-accenn li sar minn din il-Qorti *marte proprio* fil-verbal ta' l-udjenza tal-20 ta' Ottubru, 2004 u minghajr ma qatt giet sollevata xi eccezzjoni ta' rikuza.

21. Il-Qorti issa sejra tghaddi biex tiddelibera dwar l-appell tentat mill-appellant fil-konfront tas-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tal-25 ta' Gunju 2004.

22. Din il-Qorti tirrileva li l-ewwel Qorti iddikjarat, f'parti integrali mid-dispozittiv, li *"…dawn il-proceduri istitwitu minnu* [cioe`` minn Salvatore Grech] *huma frivoli u vessatorji u saru bi skop uniku li jipprova jgib fix-xejn il-proceduri kriminali pendenti kontra tieghu"* (sottolinear, kif inghad, ta' l-ewwel Qorti). B'dan il-pronunzjament l-ewwel Qorti qeghda effettivament tghid li t-talba kif maghmula mir-rikorrent fir-rikors promotorju tieghu hija semplicement frivola u vessatorja. Konsegwentement f'dan il-kaz japplika d-divjet ghal appell tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni, u d-disposizzjoni korrispondenti tas-subartikolu (5) tal-Artikolu 4 tal-Kap. 319, li t-tnejn jipprovdu li:

**"Ma jkunx hemm appell minn xi decizjoni skond dan l-artikolu li xi talba jew it-tqanqil ta' xi kwistjoni tkun semplicement frivola jew vessatorja."**

Din id-disposizzjoni, li hija wahda ta' ordni pubbliku, u hija cara fil-portata taghha, u cioe`` tipprekludi li jsir appell minn decizjoni li tkun imbollat it-talba jew it-tqanqil tal-kwistjoni bhala semplicement frivola jew vessatorja (ara,

*passim*, ***Mario Azzopardi v.Registratur tal-Qorti et*** Qorti Kostituzzjonali 17 ta' Jannar, 1996; ara, bil-kontra, meta l-lokuzzjoni adoperata tkun differenti jew mhux parti mid-dispozittiv, jew tkun tirreferi biss ghal aspett wiehed tat-talba jew talbiet, ***Anthony Pace v. Avukat Generali et*** Qorti Kostituzzjonali 20 ta' Ottubru, 2004).

23. Konsegwentement il-posizzjoni legali li temergi hi li hemm ostakolu legali ghall-appell interpost mir-rikorrent fit-8 ta' Lulju, 2004, fil-konfront tas-sentenza tal-25 ta' Gunju 2004 konsistenti fid-divjet impost mis-subartikolu (5) tal-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni u d-disposizzjoni korrispondenti fil-Kap. 319. Ghaldaqstant din il-Qorti hija prekluza milli tiehu konjizzjoni tal-aggravji li ressaq l-appellant fil-konfront ta' l-istess sentenza.

24. Illi din il-Qorti ma dahlet xejn fil-kwistjoni jekk l-appellant setax validament jappella mid-digrieti tal-Ewwel Qorti tat-25 ta' Mejju 2004 meta irrizulta li ma kienx hemm dritt ta' appell mis-sentenza definittiva li nghatat fil-25 ta' Gunju 2004. Din il-Qorti ghamlet hekk principalment ghaliex l-appellat ma issolleva l-ebda pregudizzjali f'dan is-sens fl-ebda stadju ta' l-appell, ghalkemm fit-trattazzjoni ta' nhar il-Gimgha, 28 ta' Jannar, 2005 l-Assistent Avukat Generali Dott. Peter Grech (li deher flok Dott. Buttigieg Vella) ikkontempla dan il-punt mil-lat purament akkademiku.

25. Ghal dawn il-motivi:
Prevja li tichad l-appelli li saru fil-konfront taz-zewg digrieti tal-Ewwel Qorti tal-25 ta' Mejju 2004, tiddikjara l-appell interpost mis-sentenza tal-25 ta' Gunju 2004 bhala irritu u null u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati kollha kemm huma mill-appellant.

U peress li dana l-appell huwa fih innifsu wiehed fieragh u vessatorju (u serva biss biex kompla jipprolunga inutilment il-proceduri Kriminali pendenti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) li ttiehdu kontra l-appellant) fit-termini tal-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12, tikkundanna lill-appellant ihallas lill-appellat l-ispejjez ghal darbtejn. Fl-ahharnett,

tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi minnifih komunikata mir-Registratur Qrati u Tribunali Civili lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) li qed tisma' l-imsemmija kawza kriminali kontra l-appellant Salvatore Grech.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------